# Il-Ġeneral

Vincent Vella

**Għawdex**

Salvu firex ix-xedd fuq dahar il-bagħal u qabel m'għadda ċ-ċinga minn taħt xejjirlu laqta ħafifa bit-tarf fuq koxxtu biex iġiegħlu jniżżel in-nefħa ta' żaqqu. Kull meta kien jintebaħ li jkunu waslu biex joħorġu, il-bagħal kien jimla żaqqu bl-arja biex, ladarba mbagħad jerġa' jarmiha, ir-rabta tax-xedd kienet tispiċċa tillaxka. Bhima rasha iebsa, m'hemmx x'tagħmel. Kultant żmien kont trid tfakkru min kellu r-riedni f'idejh tabilħaqq. Il-bagħal għaddas rasu hekk kif Salvu xeħet xi erba' ponnijiet ħafur fil-maxtura.

"Hemm, il-bqija tal-għalfa toħodha meta nerġgħu lura,"qallu x-xiħ. "Wara li nkunu lestejna minn dak li għandna x'nagħmlu."

Salvu ħareġ il-bhima mir-remissa. Għad-diwi tan-nagħal fuq iċ-ċangar tal-isqaq, kelb fetħilha jinbaħ minn fuq bejt ta' dar fil-qrib. Minn wara x-xifer tal-għoljiet, nibet bħal ħjiel ta' ħmura dgħajfa waqt li l-wied ta' taħtu kien għadu midfun fi dlam ċappa. Xi wħud mid-djar tar-raħal kellhom xi dwal irqaq jidhru mix-xquq tal-kontraporti u l-persjani.

Ix-xwejjaħ dawwar il-kapott sewwa ma' spalltu biex jilqa' għar-reżħa tal-lejl, ċaqċaq ilsienu u qabad in-niżla. Il-bagħal xejjer rasu u telaq bil-lajma għal warajh, biż-żewġ xkejjer imdendla ma' ġenbejh jitbandlu ma' kull pass li jagħmel.

"Ejja, bagħal," gerger ix-xiħ, hu u jagħti ġibda bil-goff fuq il-ħabel.

Mill-bosta bhejjem tat-tagħbija li l-bidwi kien qasam xogħlu magħhom matul

is-snin, dan biss – "il-bagħal" – kien baqa' bla isem. Mill-bidu kienu bdew ħażin. Dakinhar li Salvu kien daħħlu fl-istalla għall-ewwel darba, il-bagħal kien ipprova jfajjarlu daqqa biż-żewġ inkiss inkiss. Dikment bdiet it-taqtigħa ta' bejniethom li ma taffiet qatt kemm kien ilu għandu, bil-bidwi ma jafdah qatt minn taħt għajnejh. Biex issa, hemm aħna, minnhom kollha, proprju b'dak kellu jitqanna fuq il-biċċa xogħol li kien daħal għaliha. Għal dan il-ħsieb, Salvu gedwed talba lil San Ġuda u ta ġibda oħra fuq il-ħabel.

Li kieku kien għal Nina, dakinhar kien jinqafel id-dar u ma jmeddx riġlu barra. Mal-lejl kienet ħolmot ħolma minn tagħha fejn, skont hi, Salvu kellu jgħaddi minn twegħir tal-waħx; ħallik li meta staqsieha ma kinitx taf tgħidlu x'ħolmot, jew x'riedet tgħid biha dik it-twissija. U għax gidem ilsienu għax kien jgħidilha minn xiex kellu jgħaddi, ġejja bil-qaħbeċ ħolm. Afli xi kultant ... Imma, min-naħa l-oħra, ma riedx jerġa' jagħmel bħal dakinhar li kienet ħolmot bid-diżgrazzja ta' Ġanninu. Dakinhar ukoll kien ħadha biż-żuffjett biex imbagħad l-uniku wild li kellhom kien spiċċa midfun taħt borġ ġebel fil-barriera. Aah, kiefra x-xorti.

Salvu kien ħalla lil martu bilqiegħda fil-kċina, tolfoq bil-maktur ma'ħalqha u tixrob il-misħun bl-ilma żahar biex trażżan is-sulluzzu li kien jaħkimha kull darba li kienet tieħu xi kedda. Ta' xejn ipprova jfehemha li, la kien tahom il-kelma, kien intrabat. Jekk jonqoshom imqar darba, lil dawk setgħu jroddulhom is-salib.

Hawn, mhux għax kellu xi rispett lejn dak l-irmixk li kultant żmien kien jaqsam minn Malta biex jiġi jsibu. Mill-ewwel darba li kienet waqfet ħdejh dik il-karozza ħamra u niżlu jkellmuh dawk it-tnejn kien ħadhom fuq demm id-dars. Ma kienx jagħtihom aktar minn tletin sena: karfa bla manjieri ta' xejn, biex ikellmuk iridu jgħollu leħenhom qishom qed ikellmu xi belhieni li qatt ma ħareġ mid-dar.

Imma, m'hemmx x'tagħmel, kellhom bżonn il-flus. Sew minħabba li, issa li kien ġie nieqes it-tifel, dik ix-xi ħaġa fil-ġimgħa li kien jgħaddilhom kienet waqfet, u sew imħabba li saru jgħaddu ġimgħat sħaħ meta lanqas biss jiftaħ idejh ma kien ikun jista' bl-artrite, kienu spiċċaw f'qagħda mwiegħra tassew. Ix-xogħol fil-barriera kien qatgħu għalkollox, u meta tersaq lejn l-għelieqi biss meta jagħtuk idejk, ma tantx tispiċċa tiġbor frott. Imma jieklu jridu, it-tnejn li huma. Kull meta Salvu kien jiftakar fiex kienu sabu ruħhom hu u martu, kien iħoss l-istonku jingħafaslu.

Eqq, kieku minn kif kienu pinġewha dawk iż-żewġ għefieret, il-biċċa tax-xogħol ma kienx fiha keded, u jekk ried jgħid is-sewwa, kien minnu li tul it-tliet snin li kien ilu li daħal għaliha, ma kien inqala' l-ebda saram.

F'xi wħud mill-irqajja' ħamrija li hemm moħbija qalb il-blat kbir ta' taħt l-irdum ta' bejn ir-Ramla u San Blas, imdawrin bil-paraventi tal-qasab biex jilqgħu għar-riħ kiefer li jaf jaħkem fuq dawk l-inħawi mperrċa, il-bdiewa minn dejjem kienu jkabbru s-siġar taċ-ċitru: xi waħda jew tnejn, għax dawk il-ħoloq art ma jifilħux għal aktar minn hekk. Minnu li l-ħamrija ta' ġo fihom ma tantx hi fonda, iżda, biex ipattu, jinsabu milquta sew mix-xemx.

Dawk it-tnejn tal-karozza ħamra kienu tal-fehma li dak il-post kien maħluq għal dak li kellhom f'moħħhom huma. Kienu telgħu jaraw b'għajnejhom – ħallik li kienu spiċċaw irrovinaw iż-żraben fuq dak il-blat kollu xfar. Hemm, qalb is-siġar tal-lumi u 'l bogħod mill-għajn, Salvu kellu jibda jkabbar il-ħaxixa. U lanqas kien ikollu għalfejn iħabbel rasu kif se jeħles minnha meta jaħsadha għax għal daqshekk kienu jidħlu huma.

"Naqbżu qabża meta jkun żmienha," qallu wieħed minnhom, hu u jtaptap fuq il-but tal-karozza. Flus fil-pront ma' kull kunsinna li jgħaddilhom.

Biex jibda, tawh borża żerriegħa flimkien ma' xi tagħrif ħafif fuq meta kellu jagħmel iż-żergħa u kif kellu jieħu ħsieb ix-xtieli meta jinbtu u jħaddru.

Salvu ma damx wisq biex warrab kull qtigħ il-qalb li seta' ħakmu għall-ewwel. Il-flus li kienu jidħlu kultant żmien, regolari daqs il-wasla tal-istaġuni, kienu bħal manna nieżla mis-sema. Meta fil-bidu, meta kien għadu qed itella' u jniżżel x'jaqbad jagħmel, kien żerżaq xi ħaġa lil dawk it-tnejn li affarijiet bħal dawn ma kontx issibhom f'raħal bħal San Katald, wieħed minnhom kien xeħet rasu lura u nefaħ ħafif f'daħqa siekta ta' żuffjett.

"U lilek min qallek li int biss dħalt għal dan ix-xogħol?" staqsieh. Salvu nħasad u ma reġax qal oħra. Bħal ħafna mill-ġirien tiegħu, għalih Malta ma kinitx ħlief Sodoma u Gomorrah oħra; fossa tad-dnub u l-vizzju. Xejn minn dak li seta' jagħmel hu ma kien se jżid mat-tħassir li ġa kien jaħkimha.

Dak li kien hemm ġol-ixkejjer imdendlin ma' ġenbejn il-bagħal: l-aħħar ħasda, miġbura f'qatet. Salvu kien fi triqtu biex jiltaqa' max-xerrejja.

Id-dawl kien donnu qed itellaq mar-raġel u l-bhima tiegħu. Meta waslu f'nofs il-mogħdija, spiċċa qabiżhom u wara ftit Salvu seta' jilmaħ il-passaġġ li kien jagħti minn nofs il-wied. Żiffa ħarrket il-friegħi tal-ftit arbuxxelli u siġar baxxi li kien hemm madwaru.

Il-mogħdija kienet isserrep qalb il-blat kbir li kien hemm imxerred tul l-għoli tal-irdum kollu. Salvu lewa ma' blata minnhom u sab ruħu wiċċ imb wiċċ ma' żewġt irġiel bilqiegħda fuq ġebla mdaqqsa. Kienu mitlufin ipaċpċu, b'wieħed minnhom medhi jbandal beritta bejn kuxxtejh. Għal dik id-dehra li feġġet fuqhom għal għarrieda, l-irġiel tbaxxew f'daqqa u ħatfu l-azzarini li

kellhom ħdejn riġlejhom biex imbagħad reġgħu rrilassaw meta ntebħu li ma kienx ħlief raħħal xwejjaħ. Kienu libsin il-qomos u qliezet ħodor tas-suldati. Għal mument Salvu għoddu tħawwad hekk kif għaddielu minn moħħu li dawk kienu qegħdin hemm jistennew lilu. Imma reġa' ħa n-nifs meta ttenda li kellhom xagħarhom imqaxxar, u li jekk kellhom għoxrin sena, it-tnejn li huma. Rekruti, qatagħha, jew suldati għadhom jibdew, barra fuq xi manuvri. Mhux ta' b'xejn inħasdu; kienu ħasbuh xi fizzjal!

L-akbar wieħed fosthom qam fuq saqajh u resaq lejh.

"Hemm x'għandek, nann?"staqsieh, hekk kif wera b'sebgħu lejn l-ixkejjer. Salvu għolla spallejh,"Għalf għall-bhejjem."

Bla għaġla ta' xejn, iż-żagħżugħ ħall il-qafla u fetaħ waħda mill-ixkejjer. Waqaf skantat jiċċassa lejn il-qatet ta' ġo fiha. Imbagħad għolla rasu f'salt, ħares lejn Salvu u, kollu eċċitat, sejjaħ lil sieħbu biex jiġi jara x'kien sab. Daħħal idu ġol-ixkora, ħareġ ponn weraq u għamilhom ma' mnifsejh.

Is-suldati nġibdu mal-ġenb u qagħdu jitkellmu minn taħt l-ilsien. Wara ftit, l-iżgħar fosthom ta daqqtejn b'rasu u telaq iħaffef 'l isfel mal-mogħdija. L-ieħor ippunta l-azzarin lejn Salvu.

"Int ibqa' fejn int, qed tisma'? Ara tiċċaqlaq."

Għal xi għaxar minuti hekk baqgħu: iħarsu lejn xulxin mingħajr ma jitħarrku. Fl-aħħar, Salvu ħareġ idu lejn l-art, donnu biex jistaqsi jekk jistax għall-anqas joqgħod bilqiegħda. Is-suldat kemmex ħuġbejh u ħarrek kemm kemm geddumu biex jurih li seta' jpoġġi. Imma issa, li kien spiċċa bilwieqfa waħdu, aktar ħassu skomdu, sakemm ank'hu, ikaxkar saqajh u bi tbandila ta' wieħed li lest għal kollox, mar poġġa fuq il-ġebla.

Għadda aktar ħin. Kulma tmur ix-xemx aktar bdiet tikkarga. Iż-żagħżugħ neża' l-beritta u ħakk ħakka l-qorriegħa bil-goff. Il-bagħal xejjer rasu f'daqqa u ttewweb waħda fit-tul. Salvu ħareġ idu bil-mod u, b'xeħta ta' wieħed li m'għandux x'jagħmel, wara li qagħad jilgħab b'sebgħu għal xi ftit mal-weraq tax-xtieli li kien hemm fil-qrib, ġibed ponn ħaxix minn ħdejn riġlejh. Meta ra li s-suldat lanqas biss indenja jħares lejh, għolla idu ma' wiċċ il-bagħal. Dan mattar għonqu, ġibed xufftejh lura, hekk li kixef ringiela snien sofor u mikduda, u beda jqarmeċ il-ħaxix bil-lajma.

F'dik ix-xemx tisreġ, is-suldat donnu ma setax isib kwiet. Kultant ħin kien jimxi xi ftit lil hinn matul il-mogħdija, biex jara jilmaħx lil sħabu ġejjin, biex wara jerġa' lura għal taħt siġra taż-żnuber li kienet tarmi l-unika roqgħa dell li kien hemm fil-madwar. Milli jidher ma kienx qed iħabbel moħħu li Salvu seta' jipprova jdabbar rasu lil hinn meta ma jkunx taħt għajnejh. Żagħżugħ

fl-aqwa tiegħu, allaħares ma kellux il-ħila jlaħħaq ma' xwejjaħ u bhima mgħobbija jekk jagħtuha għall-ħarba. Sadanittant, bla għaġla ta' xejn, Salvu kompla jżoqq lill-bagħal.

Kien qabeż nofsinhar meta semgħu l-krib ta' *jeep* tissielet biex titla' mal-mogħdija wieqfa. Is-suldat qam jiġri fuq saqajh, libes il-beritta u farfar xi trab u biċċiet tal-ħaxix li kienu weħlu ma' ħwejġu. Tlett irġiel: logutenent, is-suldat l-ieħor u xufier niżlu minn ġol-*jeep*. L-għassies iddritta f'salt, tella' l-azzarin ma' spalltu u sellem lill-fizzjal. Il-logutenent, raġel pjuttost qawwi u b'żewġ dabriet għaraq taħt abtu u oħra ma' dahru kollu, lanqas biss ħares lejh u baqa' sejjer dritt għal fuq Salvu. Kien jidher mgħaddab waħda sew.

"Fejnu?"għajjat. "Fejnu dal-ostra baruni tad-droga ħa naraw? Jalla ma tellajtunix hawn ta' xejn għax massakru nagħmel minnkom!"

Salvu, li ma tantx kien midħla tal-armata, ma kienx jaf jgħid xi grad kellu dak il-fizzjal, imma mlaħħaq kien żgur, minn kif beda jgħajjat ma' dawk iż-żewġ povri – żibel ġabhom. B'rispett neża' l-beritta u żammha kobba ma' sidru.

Il-logutenent neħħa l-qafla ta' waħda mill-ixkejjer u minnha ħareġ ponn xewk u ħuxlief. Ġibed waħda minn taħt l-ilsien, dar mal-bagħal u ġibed il-qafla l-oħra bil-herra donnu qed iqaċċat xi ras barra. Ħareġ aktar xewk u ħaxix, u magħhom ħarġet litanija kliem ħażin u tgħajjir.

"Li ma kontux tuba! Min iż-żobb daħħalkom suldati lilkom?" Iż-żewġ żgħażagħ baqgħu ċċassati, ħalqhom miftuħ.

Il-bagħal għażel proprju dak il-mument biex beda jitbandal 'l hinn u 'l hawn għoddu se jinstabat. L-irġiel daru maħsuda jħarsu lejh. Ras il-bhima donnha tqalet f'daqqa tant li ma setax iżommha 'l fuq aktar u kellu jniżżilha f'daqqa bejn saqajh ta' quddiem li issa tberrqu 'l barra filwaqt li stiraw qishom staneg hekk kif il-bagħal ġabar l-aħħar ħila li kien fadallu biex ma jċedix. Żaqqu minfuħa bdiet tielgħa u nieżla b'ritmu dejjem mgħaġġel, kull nifs joħroġ imħarħar mill-ħalq miftuħ beraħ li minnu deher jiddendel, kollu riq u ragħwa, ilsien daqsiex ta' lewn vjola dagħmi. Wara ftit, għajnejn il-bhima ċċajpru u, bil-mod, niżel fuq irkopptejh qabel ma tmiel ħelu ħelu fuq ġenbu, bi xkora waħda maqbuda taħtu u l-oħra 'l fuq tħares lejn is-sema.

Fil-ħemda tal-wied, ħlief għal xi żarżir irqiq, il-ħamest irġiel daru qaqoċċa mal-bagħal minxur mal-art jippruvaw jifhmu x'seta' ġralu. Damu hekk sakemm il-logutenent donnu stejqer minn xi ħedla tqila u reġa' tela' fil-*jeep*. Il-militari l-oħra għollew wiċċhom biex iħarsu lejh imma ma ċċaqalqux minn fejn kienu.

"Ejja, x'qed tistennew?" nebaħ l-uffiċjal, inkazzat aktar minn qabel. "Mhux qed taraw li tnejjek bikom, biċċa gabillott? Surġenti nagħmlukom fuq din."

Wieħed mis-suldati ħareġ idu lejn il-bagħal stendut donnu ried jgħid xi ħaġa, iżda mbagħad reġa' ħasibha u, flimkien ma' sieħbu, għaddsu rashom u għamlu kif ordnalhom. Minn hawn u minn hemm ix-xufier irnexxielu jdawwar il-*jeep* u saqu 'l isfel f'disfatta totali.

Dam sew jistenna ħdejn il-bagħal, Salvu, sakemm il-bhima reġgħet bdiet tistejqer. Għamilhom li ġa kienu qabżu l-ħamsa. Ara Nina, eeh, tgħidlek dak fejn ix-xjafek baqa'? Meta ra li għajnejn il-bagħal kienu reġgħu ħadu d-dawl, Salvu ġibed fuq il-ħabel sakemm għollielu rasu u għenu jerġa' jqum bil-mod fuq saqajh. Min jaf x'għatx kellu! Imma f'dak il-qoxqox fejn kien se jsiblu x'jixrob? U għalih ukoll, jekk niġu f'dan. Kellu ħalqu niexef aktar minn qorq qadim.

"Ejja, Kurunell," qallu, b'ton ta' żegħil. "Ejja mmorru. La naslu ixrob kemm trid. X'qed ngħid kurunell? Ġeneral int, aqwa minn kurunell, ħafn'aqwa."

Ix-xwejjaħ u l-bhima qabdu t-telgħa li kienet twassal sa San Katald.

Sa fl-aħħar anke dak il-bagħal kien dabbar isem.